MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 53/2007/1

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert Ciappara)**

**v.**

**Joseph Lebrun**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu provvediment limitat ghas-senjalazzjoni – proprjament ma nghatatx eccezzjoni formali – maghmula mill-abbili difensur ta’ l-appellant, Dott. Jose` Herrera fl-udjenza tal-11 ta’ Frar 2008 ghall-fatt illi l-Prim Imhallef kien l-imhallef li “ta d-decizjoni wara li kienet giet emendata l-ligi li kien hemm ragunijiet bizzejjed biex Joseph Lebrun jerga’ jitressaq il-Qorti u titkompla fil-konfront tieghu l-procedura ta’ l-istruttorja”; l-imsemmi difensur stieden lil din il-Qorti tikkunsidra jekk il-Prim Imhallef ghandux jibqa’ jippresjedi f’dana l-appell kostituzzjonali.

**2.** Tajjeb li jigu rikapitolati in breve l-fatti li wasslu ghall-appell odjern. B’sentenza moghtija minn din il-Qorti (kif illum komposta) fid-9 ta’ Frar 2007 -- u dan wara referenza kostituzzjonali maghmula mill-Qorti Istruttorja fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Norbert Ciappara) v. Joseph Lebrun -- kien gie deciz li l-procedura allura veljanti li biha, meta il-Qorti Istruttorja tiddecidi ma hemmx ragunijiet bizzejjed biex imputat jitqieghed taht att ta’ akkuza, l-Avukat Generali seta, wara li jikkonsulta privatament ma’ Imhallef (li ma jkunx ordinarjament joqghod fil-Qorti Kriminali jew fil-Qorti ta’ l-Appell Kriminali) jordna l-arrest mill-gdid ta’ dik il-persuna u t-tkomplija ta’ l-istruttorja (jew jinharag l-Att ta’ Akkuza), kienet procedura leziva tad-dritt ta’ dik il-persuna (f’dan il-kaz ta’ Joseph Lebrun) ghal smigh xieraq garantit bl-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u bl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea. F’dik id-decizjoni taghha din il-Qorti kienet ipprefiggiet terminu ta’ tliet xhur biex isiru l-emendi mehtiega fil-ligi *“…ghar-revizjoni, u possibilment varjazzjoni, tad-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja tat-23 ta’ Novembru 2005 li tkun konformi ma’ dak li nghad aktar il-fuq f’din is-sentenza* [tad-9/2/07] *fir-rigward ta’ l-Artikoli 39(1) u 6(1) tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni rispettivament…”*, u fin-nuqqas l-istess Joseph Lebrun kellu jitqieghed fl-istess posizzjoni li kien fiha minnufuh wara li nghatat id-decizjoni tal-Qorti Istruttorja tat-23 ta’ Novembru 2005 li ma kienx hemm ragunijiet bizzejjed biex jitqieghed taht Att ta’ Akkuza.

**3.** Fil-fatt l-emendi saru, u permezz ta’ l-artikolu 4 tal-Att nru VI tal-2007, is-subartikolu (3) tal-Artikolu 422 tal-Kodici Kriminali gie sostitwit bis-subartikoli (3), (3A), (3B)

u (3C) kif illum fis-sehh. In segwitu ghal din il-procedura gdida – li tinvolvi rikors li jsir mill-Avukat Generali quddiem il-Qorti Kriminali – l-imsemmi Avukat Generali pprezenta rikors fis-27 ta' April 2007 li permezz tieghu talab li l-Qorti Kriminali tiddikjara li fit-23 ta' Novembru 2005 quddiem il-Qorti Istruttorja kien hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imsemmi Lebrun jitqieghed taht Att ta' Akkuza, u konsegwentement tordna l-kontinwazzjoni tal-procediment kontra tieghu.

**4.** Fit-3 ta' Mejju 2007 il-Qorti Kriminali – sedenti l-Prim Imhallef – laqghet it-talba ta' l-Avukat Generali. Il-parti relevanti ta' l-imsemmija decizjoni tghid hekk:

"Din il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa l-provi kollha migjuba sa l-imsemmija data [23/11/2005], hija tal-fehma li kien hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat Lebrun jitqieghed taht att ta' akkuza. Dawn il-provi, fl-istragrandi maggoranza taghhom indizjarji, meta mehuda fl-assjem taghhom, huma bizzejjed biex jindikaw probabbilita` ta' htija fir-rigward ta' xi wahda jew aktar mill-imputazzjonijiet dedotti kontra l-intimat Lebrun fir-rapport tal-pulizija (fol. 1) imwettaq bil-gurament (fol. 7). Huwa dan u dan biss li hu mehtieg li jigi determinat f'dana l-istadju tal-Artikolu 401(2).

"Ghall-motivi premessi, tilqa' t-talba ta' l-Avukat Generali u ghalhekk tiddikjara li fit-23 ta' Novembru 2005 kien hemm ragunijiet bizzejjed biex Joseph Lebrun jitqieghed taht att ta' akkuza, u tordna l-kontinwazzjoni tal-procediment kontra l-istess imputat, intimat f'dawn il-proceduri. Tordna wkoll li kopja ta' dan id-digriet jigi minnufih notifikat lill-Avukat Generali u lil Joseph Lebrun, u kopja tieghu inserita mir-Registratur, Qrati u Tribunali Kriminali, fl-attijiet ta' l-istruttorja fl-ismijiet premessi."

**5.** Wara li tkompliet il-procedura ta' l-istruttorja, l-imsemmi Lebrun, permezz ta' rikors migjub quddiem il-Qorti Istruttorja fil-25 ta' Ottubru 2007, allega li galadarba fit-23 ta' Novembru 2005 il-Qorti Inferjuri kienet iddecidiet li ma kienx hemm ragunijiet bizzejjed biex huwa jitqieghed taht Att ta' Akkuza *"…din hija decizjoni li tkun tista' tigi kkontestata biss permezz ta' appell u mhux permezz tal-*

*proceduri l-godda li ssostiwew l-Artikolu 433(3). Din il-procedura l-gdida mhix appell u darba illi l-imputat gie illiberat ma jistax jerga' jghaddi proceduri fuq l-istess meritu. Fil-fatt jigi enfasizzat li l-qorti ta' revizjoni f'ebda hin ma ntalbet jew ma ddecidiet billi tirrevoka d-decizjoni ta' liberatorja ta' l-ewwel Qorti liema decizjoni ghadha in vigore."* Wara li l-istess Lebrun ghamel referenza ghall-Artikolu 4 tal-Protokoll nru 7 tal-Konvenzjoni, huwa talab lill-Qorti Istruttorja li *"…tirrimanda l-parti ta' dan il-process quddiem il-Prim Awla tas-sede kostituzzjonali sabiex din tiddecidi fuq lanjanzi kostituzzjonali ta' indoli kostituzzjonali* [sic!] *li qed jitqajjmu presenzjalment…"*. Il-Qorti Istruttorja baghtet l-atti quddiem il-Prim Awla.

**6.** B'sentenza moghtija fit-18 ta' Jannar 2008, il-Prim Awla tal-Qorti Civili iddecidiet li l-procedura kontemplata fl-Artikolu 433(3) tal-Kodici Kriminali ma tiksirx l-Artikolu 4 tal-Protokoll nru 7 tal-Konvenzjoni Ewropea. Lebrun qed jappella minn din id-decizjoni.

**7.** Jidher ghalhekk car li dak li qed jilmenta minnu l-appellant odjern Lebrun ma hux l-operat tal-Qorti Kriminali meta applikat il-ligi kif inhi llum u ddikjarat li kien hemm ragunijiet bizzejjed biex l-istess Lebrun jitqieghed taht Att ta' Akkuza, izda li l-ligi kif maghmula mill-Parlament hija, mil-lat procedurali, leziva ta' xi dritt fondamentali tal-istess appellant. Il-kawza, ossia vertenza, odjerna, ghalhekk, qatt ma giet quddiem il-Prim Imhallef (Art. 734(1)(d)(2) – disposizzjoni li qed tigi senjalata mhux ghax l-abbili difensur ta' l-appellant ghamel xi referenza ghaliha – il-verbal aktar 'l fuq imsemmi ma jaghmel referenza ghal ebda kap partikolari tal-Art. 734 – izda semplicement ghax, fic-cirkostanzi kongruwi, hija dik id-disposizzjoni li possibilment tahtha setghet tinkwadra xi eccezzjoni ta' rikuza).

**8.** Hu appena necessarju jinghad li skond il-gurament tal-kariga ta' gudikant, l-obbligu tieghu hu li jiggudika. Huwa proprju ghalhekk li l-gurisprudenza kostanti tal-qrati taghna kienet dejjem fis-sens li gudikant jista' jastjeni, jew jista' jigi rikuzat, biss f'dawk il-kazijiet fejn il-ligi espressament tipprovdi ghal tali astensjoni jew rikuza – ara, fost hafna ohrajn, is-sentenza preliminari ta' din il-Qorti tal-4 ta' Settembru 2007 fl-ismijiet **John Mary Chircop v. Il-Kummissarju tal-Pulizija et**. U huwa wkoll

proprju ghalhekk, u biex ikun hemm trasparenza fl-operat tal-gudikatura f'dan ir-rigward, li hu importanti li meta gudikant jastjeni jew jigi rikuzat hu jindika mhux biss l-Artikolu 734 b'mod generali, izda jindika wkoll il-kap ossia s-subartikolu, paragrafu jew sub-paragrafu li jkun applikabbli ghall-kaz, u, jekk ikun hekk mehtieg, jindika anke kif dak il-kap ta' astensjoni jew rikuza jkun japplika ghal dak li jkollu quddiemu.

**9.** Huwa minnu li l-gurisprudenza taghna accettat ukoll li jista' jkun hemm sitwazzjonijiet eccezzjonali, mhux koperti b'xi kap ta' l-Artikolu 734, fejn ikun hemm obbligu ta' astensjoni, u dan fuq il-mudell tal-paragrafu (h) tal-Kodici ta' Procedura Penali Taljan vigenti, cioe` meta jkun hemm dawk li f'dak il-kodici jissejjhu "altre gravi ragioni di convenienza" – ara a propositu kemm is-sentenza ta' **Chircop**, *supra*, kif ukoll is-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-2 ta' Ottubru 2000 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Meinrad Calleja**. Kif gie spjegat, pero`, "konvenienza" hawn ma tfissirx "kumdita`". "Konvenienza" hawnhekk ghandha s-sinjifikat ta' (bit-Taljan) "conviene", cioe` li hekk ghandu jsir, u tirreferi ghal dawk ir-ragunijiet jew cirkostanzi eccezzjonali, oggettivament riskontrabbli, li ghalkemm ma jissemmewx espressament f'xi kap ta' l-Artikolu 734, ikunu guridikament relevanti peress li oggettivament joholqu suspett fondat dwar l-imparzjalita` tal-gudikant, cioe` suspett li jeghleb il-presunzjoni qawwija li gudikant huwa dejjem kapaci li joghla 'l fuq, u jiddistakka ruhu, minn dawk is-simpatiji jew antipatiji normali li persuna jista' jkollha ghal persuna jew persuni ohra jew ghall-meritu tal-vertenza bejn iz-zewg partijiet.

**10.** In konkluzjoni, din il-Qorti, wara li ddeliberat kif jipprovdi l-Artikolu 738(2) tal-Kap. 12, hi tal-fehma li ma tezisti ebda raguni skond l-imsemmi Artikolu 734 jew skond il-gurisprudenza ghala l-Prim Imhallef ghandu jastjeni f'dan il-kaz, u ghalhekk tordna l-prosegwiment tas-smigh ta' l-appell.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------